MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 74/1991/1

Ganni u Grace konjugi Azzopardi u b’digriet tad-9 ta’ Jannar 1996, il-gudizzju gie trasfuz minn isem Grace Azzopardi ghal fuq isem John Azzopardi li mietet fil-mori tal-kawza

-vs-

Grace mart Carmelo Micallef, Kalcedonio, Carmela armla ta’ Carmelo Pace, ir-Reverendu Valentino, Maria mart Anthony Formosa, John u Michael ahwa Calleja, Pawlu Hili li b’digriet tat-24 ta’ Ottubru 1991 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Anthony, Josephine mart Edward Azzopardi u Emmanuela sive Lilly mart Chris Lee ahwa Calleja, Theodora xebba, Guzeppi u Kristinu ahwa Azzopardi, Joseph Debrincat f’isem l-assenti Ganni u Salvu ahwa Debrincat, Guseppi, Ganni, Pawlu u Alfred ahwa Hili, Pawlu Hili li b’digriet tal-24 ta’ Ottubru 1991 gie nominat kuratur deputat sabiex

jirrapprezenta lill-assenti Emmanuel u Nazzareno ahwa Hili, Giuseppi, Ganni, Nazzareno, Zaccharia u Michelino ahwa Calleja, Guseppa mart Lorenzo Cauchi, Maria mart Pawlu Falzon, Paola mart Saver Grech u Albert ahwa Zammit u Pawla Grech li b'digriet tal-20 ta' Dicembru 1995 giet nominata kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta lill-wirt tal-mejta Grazia Calleja

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi ghal diversi xhur irrendew servizzi, kuri u assistenzi lil Grazia Calleja, xebba, bint il-mejtin Michele u Giuseppa nee Cassar, li mietet fir-Rabat, Ghawdex fit-tletin ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u tmienja u tmenin (30.VII.1988).

Illi ghalkemm huma kienu gew ripetutament imweghda hlas ta' kumpens adegwat, dan baqa' ma sarx;

Illi l-konvenuti huma l-eredi maghrufa ta' l-imsemmija Grazia Calleja;

Illi l-istess konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jhalsu l-kumpens gust ta' l-imsemmi servigi.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi l-konvenuti bhala s-successuri ta' Grazia Calleja, huma tenuti jhalsu lill-atturi l-kumpens ghas-servizzi, kuri u assistenzi resi minnhom lill-imsemmija Grazia Calleja;

2. tillikwida l-kumpens dovut;

3. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihalsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuti huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha fejn eccepew:

1. illi d-domanda attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt peress li l-atturi ma rrendew ebda servigi lill-imsemmija Grazia Calleja u jekk qatt ghamlu xi haga dawn huma ta’ natura negligibbli u certament mhux retribwibbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta (fol 45) fejn innominat lill-Avukat Carmelo Galea bhala perit legali;

Rat ir-rikors ta’ l-atturi pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni taghhom (fol 19) fejn talbu n-nomina ta’ kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuti Emmanuel u Nazzareno ahwa Hili, l-ispedizzjoni tal-bandi, l-accettazzjoni ta’ l-istess minn Pawlu Hili u d-digriet relattiv (fol 31) li bih gie nominat l-istess Pawlu Hili kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsemmija imsefrin.

Rat ir-rikors (fol 59) li fih il-konvenuti talbu l-kjamata fil-kawza ta’ l-ahwa Ganna xebba, Salvu u John Debrincat, Joseph, Anglu, Ganni, Karmena u Maria Debrincat ulied il-mejjet Emmanuel Debrincat u Joseph, Nazzareno, Zakkarija u Michael ahwa Calleja ulied il-mejjet John Calleja, liema rikors baqa’ qatt ma gie degretat;

Rat id-digriet ukoll ta’ din il-Qorti diversament preseduta (fol 66) fejn l-atti gew trasfuzi minn isem l-attrici Grace Azzopardi stante l-mewt taghha fil-mori tal-kawza fuq binha John Azzopardi;

Rat ir-rikors ulterjuri ta' l-atturi (fol 79) li talbu, prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi, li jinhatru kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eredita' ta' Grazia Calleja ghall-finijiet ta' din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha konnessi u sussegwenti; in-nota ta' Pawla Grech (konvenuta) li accettat li tidher ghall-partijiet ta' din il-kawza bhala kuratrici tal-wirt tal-mejta Grazia Calleja u d-digriet (fol 84) ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn l-istess Pawla Grech giet nominata kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta l-wirt tal-mejta l-imsemmija Grazia Calleja.

Rat ir-relazzjoni ta' l-abbli Avukat Carmelo Galea nominat perit legali liema relazzjoni tinstab fol 127 et seq.

Ikkunsidrat:

Huwa unanimament accettat li din l-azzjoni hija guridikament bazata fuq il-kwazi-kuntratt u kwindi tipprevali l-prezunzjoni li min jirrendi servizz jaghmel dan bl-intendiment li jithallas. Din il-prezunzjoni pero' treggi sakemm ma jigix muri li min ikun irrenda s-servizz ghamel hekk minghajr ma kellu intenzjoni li jithallas jew li jkun irrenda s-servizz lil xi membru tal-familja tieghu "*amoris, pietatis vel familiaritatis causa*"; basta dejjem, li l-intenzjoni tkun fil-bidu dik li s-servigi jkunu qed jinghataw minghajr il-hsieb ta' kumpens.

Issa mill-provi mismugha u kompilati mil-abbli perit legali taghha jirrizulta li l-attrici kienet kugina mill-boghod, terga ta' zewgha, u mhux taghha, tas-servuta. Jirrizulta wkoll li l-attrici verament ipprestat servigi lill-istess konsistenti principalment f'ghajnuna u sorveljanza regolari u fit-tindif almenu ta' darba fil-gimgha tad-dar tar-residenza tas-servuta.

Il-Qorti ezaminat b'attenzjoni l-provi li gew prodotti u waqt li, min-naha wahda, tnissel konvinciment fiha li servigi, anke ta' certa portata, gew prestati mill-attrici, min-naha l-ohra ma rrijavvisat ebda cirkostanzi li jimmilitaw favur il-gratuwita ta' dawn is-servigi, tant, illi ghandu jirrizulta wisq car illi zgur wara li wiehed mill-konvenuti, senjatament

Alfred Hili, izzewweg u ma baqax joqghod ma’ zitu, s-serivigi kollha bdew jigu somministrati esklussivament mill-attrici Grace Azzopardi. Dan kien fic-cert ghall-perjodu ta’ tmien xhur precedenti l-mewt ta’ l-imsemmija Grace Calleja u zgur li matul dan il-perjodu s-servigi prestati kienu jinkludu zjarar f’hinijiet twal anke fil-ghaxijiet, tindif, xiri, u assistenzi varji anke minhabba l-istat ta’ sahha tas-servuta li ghandu jinghad kienet afflitta minn attakk ta’ qalb li l-istess servuta kienet f’xi zmien qabel sofriet. Intant, jista’ jigi affermat li in linja ta’ servigi dawn gew prestati tul perjodu intier ta’ sentejn anke jekk hu presumibbli li dawk ta’ certa portata u aktar frekwenti gew prestati fl-ahhar tmien xhur kif gia ssemma.

Illi in linja ta’ remunerazzjoni jirrizulta li s-servuta tlett ijiem qabel ma mietet kienet tat lill-attur kaxxa bid-deheb u kienet qaltlu sabiex jaghtiha lil martu, l-attrici, ghal dak li kienet ghamlet maghha. Din il-kaxxa tad-deheb, skond ma jirrizulta mill-atti, l-atturi kienu ddepozitawha taht l-Awtorita’ tal-Qorti. Minn rikors tal-konvenuti, folio 46, li permezz tieghu kienu talbu jizbankawha, li baqa’ qatt degretat finalment, ghandu jirrizulta li din il-kaxxa bid-deheb, ghadha hekk depozitata taht il-kustodja tal-Qorti. Intant, l-atturi ma pprovdew ebda prova dwar il-konsistenza u l-valur ta’ dan id-deheb, pero’ anke in sufragg ghall-intenzjoni tal-mejta Grace Calleja, din il-Qorti hi tal-fehma li dan id-deheb ghandu jaghmel tajjeb ghal kull remunerazzjoni dovuta lill-atturi ghas-servigi prestati mill-attrici lill-imsemmija Grace Calleja.

Il-Qorti;

Qeghdha ghalhekk tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi fil-waqt li takkolji t-talbiet ta’ l-atturi, ghall-finijet tat-tieni u t-tielet domanda, qeghdha tiffissa l-kumpens li huwa dovut jithallas lill-atturi ghas-servigi rezi lil Grace Calleja mill-attrici, fid-deheb kontenut f’kaxxa depozitata ma’ cedola ta’ depozitu taht l-Awtorita’ ta’ din il-Qorti tal-15 ta’ Mejju 1990 u tawtorizzahom ghaldaqstant li jizbankaw l-istess kaxxa bil-kontenut kollu taghha in sodisfazzjon u ghas-saldu ta’ kull kumpens lilhom spettanti ghal tali servigi.

Spejjez ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------